

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 18/2016****tal-5 ta' Frar 2016****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1301]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1981 tal-4 ta' Novembru 2015 li japprova l-formaldeid irrilaxxat mill-N,N-Metilenebismorfina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 6 u 13 ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1982 tal-4 ta' Novembru 2015 li japprova l-eżaflumuron bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1985 tal-4 ta' Novembru 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar maktur antivirali tal-karti mxappap bl-aċidu ċitriku ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 12nns (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1759) tal-Kapitolu XV tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- 12nnt. **32015 R 1981:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1981 tal-4 ta' Novembru 2015 li japprova l-formaldeid irrilaxxat mill-N,N-Metilenebismorfina bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 6 u 13 (ĠU L 289, 5.11.2015, p. 9).
- 12nnu. **32015 R 1982:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1982 tal-4 ta' Novembru 2015 li japprova l-eżaflumuron bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 289, 5.11.2015, p. 13).
- 12nnv. **32015 D 1985:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1985 tal-4 ta' Novembru 2015 skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar maktur antivirali tal-karti mxappap bl-aċidu ċitriku (ĠU L 289, 5.11.2015, p. 26)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1981 u (UE) 2015/1982 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1985 bil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li ser ikunu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 289, 5.11.2015, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 289, 5.11.2015, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 289, 5.11.2015, p. 26.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.